


# GHAQDA MUŻIKALI MELITA

## MSIDA

ANNWAL '81


Choose a
CISK
LAGER
FARSONS for good taste

A.D. 1922

# GĦAQDA MUŻIKALI MELITA

**227, Triq il-Kuncizzjoni, Msida**

**Tel: 34916**

**f'dan l-Annwal**

**Jiktbu l-President Onor. u l-President** ........................3

**Il-Kumitat 1981** ....................5

**L-Għaqda matul is-sena** ....................7-9-11-15

**Il-banda fil-festa** ...............12-13

**Tagħrif dwar l-Imsida** ........17-19-21



**Qoxra: Dehra tal-faċċata u l-parapett li riċentament ġew irranġati.**

**Ringrazzjamenti lil dawk kollha li għoġobhom jirriklamaw f'dan l-Annwal.**

**Hajr lis-Sur C. Casha.**

**Materjal u Disinji:** **C. Taliana**

**Ritratti:** **C. Falzon**

**Progress Press Co. Ltd.**



Għeżież membri u Misidjani.

Il-festa tant popolari tagħna membri u Misidjani reġgħet mill-ġdid magħna. Hija okkażjoni ta' ferħ li fiha aħna niltaqgħu flimkien sabiex niċċelebraw kif jixraq. Dan l-ispirtu ta' ferħ u għaqda bejnietna għandhu jkun il-qofol ta' din il-festa. Kif mistenni, il-għaqda mużikali "Melita" tagħti s-sehem tagħha hi wkoll biex il-festa tkun waħda sabiħa u brijuża. Nappellaw għalhekk biex il-Misidjani kollha, kbar u żgħar, juru l-apprezzament tagħhom lejn il-banda ta' pajjiżhom bill jagħtuha kull inkuraġġiment waqt il-marċ u l-programmi tagħha. Niftakru bl-isforzi u fis-sagriċiċċju li l-membri tal-Għaqda għamlu sabiex bħal fis-snin imgħoddija jingħata programm mużikali kif jixraq f'ġieħ il-patrun qaddies tagħna San Ġużepp.

Is-sehem tal-Għaqda waqt il-festa huwa biss parti mill-attivita' mużiku-soċjali li hija tagħmel matul is-sena. Kull membru attiv jaf b'din il-ħidma kontinwa. Dawk li jixtiequ jixxierku bħala membri m'għandhomx ħlief jitolbu biex jidħlu bħala soċji. Il-Għaqda mhijiex il-ġebel tal-Każin imma s-saħħa tal-imseħbin fiha.

Il-festa t-tajba lilkom ilkoll!

**J.A. FILLETTI,**
PRESIDENT ONORARJU.



Egħżież membri u Misidjani,

Kif kulħadd apprezza x-xogħol tal-Kumitat ma jispiċċa qatt, u dawk kollha li għandhom il-ġid tal-Każin tal-Banda għal qalbhom jagħtu appoġġ sħiħ u kontinwu lid-diriġenti. F'dawn l-aħħar snin il—Kumitat ħadem bis-sħiħ biex jirranġa il-Kazin bl-iżjed affarijiet moderni. Matul is-sena li għaddiet tajna spinta fuq il-kamra tal-biljard li ġiet miftuħa nhar l-Erbgħa, 3 ta' Ġunju, 1981.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni sabiex nirringrazzja lill-membri u l-Misidjani kollha għall-kooperazzjoni u għajnuna li dejjem taw lill-Każin tal-Banda tagħna.

Jekk inħarsu lejn iż-żerriegħa taż-żmien m'għandna l-ebda dubju li naraw iżjed talbiet fuq ir-riżorsi tagħna; fuq ħaġa ma għandna l-ebda biża — anke jekk inkomplu neżistu mitt sena oħra, jibqa ħafna xi jsir għal progress tal-każin.

Fl-aħħar nixtieq nawgura lil kulħadd Festa fl-imħabba u b'hekk nagħtu gieħ lill-San Ġużepp, patrun tal-Misidjani kollha.

**J.M. CASSAR NAUDI,**
PRESIDENT

# GOLDEN GATE

WHOLESALE STATIONERS

PAPER, CARDBOARD and ENVELOPE DISTRIBUTORS

EXERCISE BOOK MANUFACTURERS

PRINTERS

AGENTS FOR:

COMET TAPES, TIXO CARBON PAPER,

VELOS STAPLERS, PUNCHERS, ETC....

CUMBERLAND PENCILS all grades

***ALL ORDERS WILL RECEIVE OUR PROMPT ATTENTION***

NAXXAR ROAD,
SAN GWANN

TEL: 30727/32014

307, ST. PAUL STREET,
VALLETTA

# GHAMARA MALTIJA

# I N V I C T A

MANIFATTURI TA'

Step Stools — Ironing Boards — Baby Cots — Folding Ladders — Extending Ladders — Shoppng Carriers — Coffee Tables tal-Chrome bit-Tinted Glass Top

- **Kmamar tas-Sodda**
- **Salotti**
- **Cupboards tal-Kċina**
- **Imwejjed u Siġġijiet**
- **Xogħol ta' Lostru**
- **Xogħol ta' Tapezzerija**
- **Għamara Tubulari**
- **Kmamar ta' l-Ikel**

Fabbrika: **MISRAH IL-BARRIERI, MSIDA**
Showrooms: **PAOLA SQUARE, PAOLA — MARINA STREET, PIETA' — THE STRAND, SLIEMA — VALLETTA ROAD, MOSTA**
**Tel: 626651 — 606440 — 606593**

# IL-KUMITAT 1981



President Onor.
**Mag. Dr. J. Filletti B.A., LL.D.**



Bilqegħda (mix-xellug)
**J. Tedesco** (Direttur Ġenerali), **C. Falzon** (Segretarju) **J.M. Cassar Naudi** (President), **C. Taliana** (Teżorier), **G. Betts** (Viċi-President).
Bilwieqfa (mix-xellug)
**A. Agius** (membru), **N. Farrugia** (membru), **J. Cassar** (Asst. Dir. Ġenerali), **L. Micallef** (membru), **A. Caruana** (Asst. Segretarju), **N. Farrugia Schembri** (Asst. Teżorier).



Direttur
Spiritwali
**Revdu. A. Abela**



Konsulent
Avukat
**Dr. E. Mallia**
LL.D.



Konsulent
Perit
**L.A. Naudi**
B.E.& A., A.& C. E.



Surmast
Direttur
**Mro. P. Schembri**
M.I.S.M., M.I.W.M.



Asst. Surmast
**R. Cremona**

Rappreżentant fuq il-Kunsill Band Clubs Association:**C. Taliana**
Rappreżentant fuq il-Kunsill Billiards & Snooker Association: **G. Betts**
Kummissjoni Banda: **C. Falzon, J. Tedesco, J. Cassar, L. Micallef, C. Taliana.**
Kummissjoni Sport: **G. Betts, J. Cassar, A. Caruana u C. Taliana**
Kummissjoni "Soċjali": **J.M. Cassar Naudi, N. Farrugia, A. Caruana, N. Farrugia Schembri.**


KINNIE
The only real
bitter sweet drink.
KINNIE
NON ALCOHOLIC • BITTER-SWEET
Now available in the new convenient
attractive larger bottle –
more Kinnie for you and the family.
KINNIE always first for thirst

# L-GHAQDA MATUL IS-SENA

minn C. Taliana

**IMMORRU FTIT LURA . . .**

Ghax tgħid, . . . tissemma kontinwament l-GHAQDA u l-progress li jsir fiha; jinkitbu b'ittri tad-deheb l-avvenimenti memorabbli u s-suċċessi kbar li jkunu nkisbu; jingħataw prominenza l-persuni distinti li jżuru l-każin ta' l-Għaqda . . . . U min jaqra jew jisma, il-biċċa l-kbira jimmaġina dan kollu f'kuntest astratt. Fil-każ tagħna huwa l-GHAQDA tal-banda MELITA . . . weħedha astratta. Iżda f'ġieħ is-sewwa dak kollu li l-għaqda kisbet inkluż l-isem sabieħ li tgawdi huwa dovut għall-ħidma u l-organizzazzjoni tal-bnedmin, il-bieraħ dawk, illum dawn u għada oħrajn. Għalhekk huwa xieraq li fl-Annwal ta' dis-sena, aħna nsemmu li xi ħbieb tagħna li f'xi żmien huma taw il-kontribut tagħhom lill-Għaqda biex waslet fejn qiegħda llum.

Did-darba ser nieħu l-aħħar 23 sena biss, u r-raġuni hija għaliex daqshekk ili midħla tal-każin. F'ħarġiet oħra ta' dan l-Annwal forsi nkun nista' nikteb dwar oħrajn taż-żmenijiet ta' qabel, wara riċerka serja speċjalment fuq min huwa mejjet. Ser nillimita ruħi għall-membri uffiċjali tal-kumitat għax huwa mpossibbli li jissemmew il-membri tal-kumitati kollha ta' l-aħħar 23 sena. Darb'oħra jkolli cans nikteb dwar x'uħud minn dawn il-membri li wkoll taw kontaributi siewja lill-Għaqda.

Dħalt l-ewwel darba fil-kumitat fl-1959. Kienet l-aħħar sena tal-President Emm. Mallia meta fl-aħħar ġimgħat tas-sena ġie msejjaħ mill-Mulej għall-ħajja eterna. Is-Sur F. Brincat f'dis-sena kien Segretarju, iżda ftit xhur wara rriżenja u postu mlieħ bħala Aġent Segretarju, is-Sur P. Vella. Dan ukoll ħalla l-kumitat wara ftit xhur u nħtart jien f'dil-kariga sa ma saret il-Laqgħa Generali Annwali. Hekk wkoll jista' jingħad għas-Sur J.M. Cassar Naudi, li dak iż-żmien kien Viċi-President u wara l-mewt tal-President Mallia huwa sar Aġent President sal-Laqgħa Generali ta' l-1960. Is-Sur Cassar Naudi għamel ukoll żmien twil segretarju qabel l-1959.

Fil-Laqgħa Ġenerali ta' l-1960, is-Sur J.M. Cassar Naudi ġie elett President, jiena Segretarju u s-Sur F. Brincat Kaxxier. Ħa nibda u nispiċċa s-Segretarji sal-lum u wara nkompli bil-karigi uffiċjali l-oħra. Bqajt f'dil-kariga sal-1978 b'assenza ta' 6 xhur fl-1963 meta kont imsiefer. Is-Sur Ant. Mallia ħa l-kariga f'idejh f'dan il-perijodu. Imbagħad bejn l-1971 u '73 kont irreżenjajt mill-kumitat. Dr. J. Filletti (illum Maġistrat) ħa dil-kariga għal xi xhur. Warajħ ġie elett is-Sur G. Betts li għamel il-kumplament tal-perjodu. Warajja, fl-1979 il-kariga hadħa is-Sur J. Attard Baldacchino li għamel sena biss. Fl-1980 ġie elett is-Sur C. Falzon li għadu jokkupa dil-kariga sal-lum.

Iktar il 'fuq semmejt lis-Sur F. Brincat elett Kaxxier fl-1960. Dam sentejn f'dil-kariga. Warajh ġie elett is-Sur Manuel Zerafa. Dan serva f'diversi karigi u anke dik ta' Kaxxier għal snin, qabel 1959. Is-Sur Zerafa dam f'dil kariga sa l-1965 meta rriżenja f'nofs is-sena. Postu ġie mimli mis-Sur V. Sciberras għall-kumplament tas-sena. Imbagħad ġie elett is-Sur F. Camilleri li għamel fil-kariga ta' kaxxier sal-1971. Warajh is-Sur A. Agius — sentejn. Fl-1973 il-kariga għaddiet għall-idejn is-Sur E. Mifsud sa l-1976. C. Is-Sur C. Falzon — 1977, is-Sur N. Farrugia 1978, imbagħad għaddiet għall-idejja fl-1979 sal-lum.

Id-Diretturi Ġenerali kienu jiġu eletti mill-kumitat. Fl-1973 saret emenda fl-Istatut biex dil-kariga ssir Uffiċjali u b'hekk id-Diretturi Ġenerali wkoll jiġu eletti mill-Laqgħa Ġenerali. L-ewwel Direttur Ġenerali Uffiċjali li sar kien is-Sur A. Agius, warajh għall-sentejn, is-Sur Ant. Bonello, fl-1977 is-Sur E. Zammit, fl-1978 is-Sur J. Vella, 1979-80 is-Sur N. Farrugia. Preżentament is-Sur J. Tedesco.

Dawn kollha kienu jokkupaw karigi uffiċjali fl-aħħar 23 sena. U tabilħaqq hemm fosthom li taw kontributi kbar lill-Għaqda. Kienu mgħejjuna minn oħrajn li ukoll ħaqqhom kull tifħir. Inkun nonqos li ma nsemmiex tlieta partikolari li kont magħhom u rajthom jaħdmu bla heda għall-bosta snin f'diversi kargi anke mhux uffiċjali. Manwel Zerafa jibqa msemmi għall-konsistenza tiegħu fl-aktar żmenijiet diffiċli ta' Għaqda li bis-saħħa tiegħu, il-kazin baqa' miftuħ u għadu miftuħ sal-lum. Is-Sur Francis Brincat (illum il-Kanada) li kien responsabbli għall-bidu ta' l-istatut modern ta' l-Għaqda, insistenti u

# CROWN COLD STORE LTD.

(J. & L. MUSCAT)

**TA' XBIEX. TEL: 30045, 35842, 35636.**

*IMPORTATURI*

- tal-MAGĦRUFA butir u ġobon ta' l-"ANKRA"

- ta' kull kwalita' ta' laħam "AFFCO"

**kollha prodotti ta' New Zealand**

kuraġġjuż biex jittieħdu deċiżjonijiet importanti biex il-każin seta' jibqa jgawdi l-fiduċja tal-membri u ta' l-Imsida u n-newtralita' sinċiera. Is-Sur Francis Camilleri għall-ħidma tiegħu biex tinxtara d-dar tal-każin fil-veru żmenijiet ta' qtiegħ il-qalb mingħajr għajnuna, ħlief ta' ftit. Dan irnexxa u llum il-każin igawdi d-dar tiegħu. Hemm ukoll oħrajn li ħaqqhom jibqgħu jisemmew fl-istorja tal-kazin. Mhux prudenza li jissemma isimhom peress li sal lum għadhom fil-kumitat jagħtu s-servizzi tagħhom.

**DIS-SENA....**
Xejn, xejn wieħed ħa idea tal-persuni responsabbli għat-tmexxija ta' l-Għaqda almenu f'dawn l-aħħar 20 sena minn 59 sena li ilha mwaqqfa l-Għaqda. Niqfu ftit



**Dehra tas-Sala tal-Biljard wara r-ridekorazzjoni.**

f'din l-aħħar sena biex naraw hux veru t-trieq tal-progress li qabdu ta' qabilna għadiex titwal u tinfirex.
Żewġ proġetti kbar li għadhom kemm ġew mitmuma huma s-sala tal-biljard u parapett bil-faċċata — parti t'isfel. Personali, dwar is-sala tal-biljard nixtieq nikkummenta li kien ta' sodisfazzjon kbir għalija u għall-sħabi li għall-ewwel darba minn dak li niftakar rajt daqshekk membri jaħdmu u jirsistu biex titlesta fl-iqsar żmien possibbli. Kien tassew sfors kollettiv, kumitat u membri, jiddiskutu, jissuġerixxu u jattwaw flimkien. Ngħid prosit lil kullħadd.

**Is-Sala tal-Biljard**
Fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-sala fl-10 ta' Ġunju, sar diskors mill-President u tberik tagħha mill-W.R. Kappillan ta' l-Imsida, Dun A. Pace. Wara players tal-biljard ta' l-l



**Wieħed mill-bankijiet moderni li tpoġġew fiha.**

Diviżjoni ta' Malta, Pawlu Mifsud, Victor Mifsud u Joe Bartolo għamlu logħob ta' esebizzjoni. Dawn ġew fuq stedina tal-kumitat u tasew paxxew lis-sala ppakkjata bil-membri li attendew għal dan il-ftuħ.

Il-kumitat wera l-apprezzament tiegħu lejn minn ħadem fis-sala billi wara l-ftuħ tas-sala tagħa drinks fis-sala tal-kumitat.

X'sar fis-sala? Saru alterazzjonijiet fil-kumnikazzjoni ta' l-ilma, u nstallazzjoni ġdida tad-dawl elettriku. Il-ħitan tas-sala ġew miksija b'panelling 'peach pine' u mdawra bi skirting. Fuq il markatura ġie mdendel canopy tal-kawba biex jillumina l-markatura u jilimina d-dawl dirett minn fuq il-mejda tal-biljard. Is-saqaf saritlu burdura ta' plastic mill-lewn il-kawba. Twaħħlu xkaffi ta' l-istainless steel, bankijiet tubular bis-seats u d-dahar tar-rexine aħdar. Ġew installati żewġ



**Il-Ftuh u t-Tberik tas-Sala tal-Biljard.**

# 127 Fiorino

## Maximum load in the minimum space.



With the same ease with which the 127 carries its passengers, the FIORINO transports load of 360 kg with the minimum of effort. Loading is through the back, made easily accessible by large doors which remain locked open at an angle of 90°. The front seats are also removable to make room for larger than normal loads.

The Fiorino has a 903 c.c. low-geared engine which develops 45CV, with a maximum speed of 120 km/hrs.

The Fiorino is nippy and comfortable as the 127 but includes an even tougher suspension and more durable tyres. Moreover the Fiorino fully loaded, still keeps well above the ground, making it ideal for travelling over bumpy roads.

The Fiorino 127 — a sprightly manouverable van with all the finesse of the 127!

FIAT

**U.C.I.M.Co.Ltd**

United Commercial Industrial & Maritime Co. Ltd.
Msida Valley, B'Kara, Malta.
New Waldorf Garage  Fiat Service Station

extractor fans, tubi flourescent u s-ceiling fan ġie mogħti spray ġdid. Sar pannu ġdid kif ukoll pockets, u boċċi ġodda tas-snooker u l-ingliża. Twaħħal arloġġ tas-sala u diversi nkwadri bir-ritratti kif ukoll ix-Xbiha tal-Qalb ta' Ġesu fuq il-Canopy. Ma rridx nonqos li nsemmi lill-membri li kkontribwew fl-arbural għall-bankijiet tas-sala, lill minn ta materjal b'xejn u silef għodod.



**Il-Kumitat u l-Membri li ħadmu fis-Sala waqt drink wara ċ-ċeremonja tal-ftuħ tas-Sala.**

**Il-Parapett**

U issa xi ħaġa dwar il-parapett. Anke min ma jidħolx il-kazin innota l-bidla li saret fil-faċċata u l-parapett. Il-ħitan kollha gew miksija bil-mużajk immartellat b'xi disinji żgħar fil-faċċata fuq quddiem ma l-oprimorta tal-parapett. Fuq l-arja kollha twaħħlet tinda framing tal-metall u drapp. Dan ta' l-aħħar ġie mogħti mid-ditta lokali. Żewġ fanali sbieħ u moderni twaħħlu wieħed ma kull bieb tal-faċċata. Saret irħama ġdida bl-isem ta' l-Għaqda. Kien ilu jinħass il-bżonn li ssir tinda biex tilqa' r-raġġi qawwija tax-xemx li tagħmel ħafna siegħat tiżreġ fuq il-faċċata. Din ser tagħmel il-parapett delli u tnaqqas il-longa tax-xemx li kien jibqa' għas-siegħat sħaħ wara li tinżel. Hawn ukoll ta' min jirringrazzja lil xi membri li għinu biex titwaħħal it-tinda u anke middew idejhom fl-installazzjoni ta' l-elettriku.

**Xogħlijiet oħra**

Qabel ingħata bidu għaż-żewġ progetti msemmija, xi membri tal-kumitat ħadmu armarju kbir biex jintrefgħu fiħ l-istrumenti mużikali u affarijiet oħra tal-banda. Membru ieħor tal-kumitat dawwar is-swali u kuruturi tal-partijiet ta' fuq bi skirting. F'Diċembru li għadda kien sar madum ġdid kullumkien fuq u fuq nett. Biċċa xogħol oħra mportanti kien it-tkabbir ta' l-istore tal-bar, li jinsab mas-sala tal-bijard u jinfed għas-sala kbira.

Dan kien jikkonsisti fi twessieħ ta' bieb, kisja tal-konkos l-art ta' l-istore u saqaf tal-konkos baxx fuq in-naħa tas-sala. It-travu ġie mogħti b'xejn minn benefatturi ta' l-Għaqda.

Television tal-Kulur — sa ma din il-publikazzjoni marret għall-istampa kollha nistennew li jitwaħħal it-TV tal-kulur tal-każin. Il-kumitat kien minn ta' quddiem nett li ordna s-set xhur ilu biex ikun minn ta' l-ewwel li jiġi nstallat fil-każin. Matul is-sena ġie ukoll mixtri amplifier għas-sala l-kbira.

Kif rajtu dan juri l-ħidma ta' dis-sena biss li meta tagħaqqad mal-passat wieħed mingħajr ma jrid ikollu jinnota l-ħerqa tal-ħidma u l-għajra posittiva li għandna l-Misidjani għal dak li huwa tagħna fl-Imsida.

**ATTIVITAJIET**

M'hemmx għalfejn insemmu l-attivitajiet soċjali annwali li torganizza l-Għaqda bħal Cold-Buffet fis-sajf u d-Dinner Dance tal-Milied. Dawn dejjem ikunu suċċess u jattendu ħafna membri u ħbied tagħhom. Il-Misidjani li jafu ftit jew xejn dwar il-każin tagħna, nispera li wara li jaqraw din ir-relazzjoni, jirrejalizzaw li fl-Imsida għandna każin mimli ħajja u attivita kontinwa s-sena kollha. Min ikun irid jidħol membru jikteb u jikkuntatja lis-segretarju fl-indirizz tal-każin. Barra dan l-Annwal il-membri jirċievu relazzjonijiet matul is-sena bid-dettalji ta' l-attivitajiet soċjali li jkunu se jsiru.

Ma ninsa qatt insemmi l-Party tal-Milied li kull sena norganizzaw lit-tfal tal-membri. Barra milli kullħadd jingħata rigal tal-Milied, il-kumitat dejjem jara li dal-party jkun mimli entertainment u logħob għat-tfal tul it-tliet siegħat li jieħu.

# is-Sehem tal-Banda Festa San Ġużepp '81

## MARCI li ser jindaqqu

1. *GALAXY* .......................................... P. Schembri
2. *CLAUDINE* .......................................... A. Coleiro
3. *PABLO* .......................................... P. Arnaud
4. *ANNA* .......................................... R. Cremona
5. *DAVID & JACKIE* .......................................... P. Schembri
6. *IX-XIH* .......................................... A. Aquilina
7. *MARIJA* .......................................... P.P. Ciantar
8. *JOSEPH FILII DAVID* .......................................... P.Schembri

Ser jinżanżnu wkoll dal-marċi:

A **HEAVEN** .......................................... P. Schembri
(irregalat minn F. Abela)

B **FORZA CENSINA** .......................................... A. Aquilina
(irregalat minn J. Zammit u G. Diacono)

C **EURIKA** .......................................... C. Zammit
(irregalat mill-istess surmast)



**PROGRAMM TA' L-ATTIVITAJIET**

***L-Erbgħa, 15 ta' Lulju, fit-8.00 p.m.***
Riċeviment fil-każin għall-Membri, Benefatturi, Għaqdiet ta' l-Imsida u Membri Parlamentari tad-Distrett biex jigi ċelebrat il-ftuħ tal-festa.

***Il-Ġimgħa, 17 ta' Lulju, fis-7.30 p.m.***
Marc tradizzjonali u brijjuż li jibda minn quddiem il-knisja Parrokkjali u jgħaddi mit-toroq Ta' Xbiex, Antonio Sciortino, Knisja, Mons. Dandria, Ġdida, D'Argens, Kunċizzjoni, Wied u jispiċċa quddiem il-Każin.
Fit-triq tal-marċ jitqassmu bukketti tal-fjuri lill-każini ta' l-Imsida.

L-attivitá tas-Sibt, 18 ta' Lulju, qegħda ssir mill-kumitat inkarigat mill-baned fil-festa u l-każin tal-banda tagħna.

***PROGRAMM VOKALI U STRUMENTALI taħt id-direzzjoni ta' Mro. Paul Schembri li fiħ jieħu sehem il-kor tan-nisa tal-Knisja Parrokjali ta' l-Imsida diretti minn Mro. Carmelo Zammit — Is-Sibt, 18 ta' Lulju, fid-9.15 p.m. fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokjali San Ġużepp.***

## il-PROGRAMM

| | | |
|---|---|---|
| **INNU TAL-PAPA** | | |
| * **INNU POPOLARI SAN ĠUŻEPP** | | G. CARUANA |
| * **TISLIMA LID-DILETTANTI TAL-FESTA** | | P. SCHEMBRI |
| * **VA PENSIERO** **'Nabucco'** | *Opera* | G. VERDI |
| **IN A PERSIAN MARKET** | *Intermezzo* | KETELBY |
| **SILVER STAR** | *Overture* | J. GREENWOOD |
| **OKLAHOMA** | *Selection* | R. ROGERS |
| * **INNU TAL-BANDA MELITA** | | PH. GATT |
| * **INNU MALTI** | | |

Mro. P. Schembri
Surmast — Direttur

* Jiġu kantati mill-kor

***Is-Sibt, 18 ta' Lulju, fis-7.30 p.m.***
Marċ li jibda minn ħdejn l-Għajn tal-Hasselin u jgħaddi mit-toroq Wied, Msida Sea Front, Qrejten, Bordin, Quarries, Dock, jaqsam għal St. Joseph's Drive għal ħdejn il-Knisja Parrokkjali fejn jibda l-programm fuq iz-zuntier tal-knisja.

***Il-Hadd, 19 ta' Lulju, fid-9.30 a.m.***
MARĊ brijjuż li jibda minn quddiem il-każin tal-banda Melita u jgħaddi mit-toroq Ta' Xbiex, Mons. Dandria, Knisja, Ant. Bosio, Sawmill, (jaqsam D'Argens) St. Lewis, Conception għal ħdejn il-knisja tal-Kunċizzjoni, minn quddiemha għal triq il-Wied, Msida Sea Front, Dock, Clarence, Qrejten, u jaqsam għal St. Joseph's Drive.
Jispiċċa quddiem il-Knisja Parrokkjali.

***Dan il-marċ huwa attivita' tal-kumitat tal-festa tan-naħa ta' barra li għalieħ ġiet mistiedna biex idoqq il-banda tagħna.***




© 1980 MAX FACTOR & CO ALL RIGHTS RESERVED UNDER INTERNATIONAL COPYRIGHT CONVENTIONS

# L-GHAQDA MATUL IS-SENA

Fil-biljard wkoll dis-sena ħadna sehem fit-tliet Diviżjonijiet fil-kompetizzjonijiet annwali li torganizza l-Billiards & Snooker Association ta' Malta. Għalkemm ma rbaħniex unuri iżda morna tajjeb fil-kompetizzjonijiet.

**IL-BANDA**

Anke f'dal qasam ninsabu mixjien tajjeb ħafna. Matul is-sena kellna ruxxmata talbiet biex indoqqu f'irħula oħra. Almenu **għalissa il-Kumitat iżomm żewġ servizzi biss barra l-pajjiż għaliex il-banda tinvolvi**



**Mro. P. Schembri**

finanzi kbar u l-każin mhux lest li jitlef barra mill-pajjiż. Flok is-soltu servizz tas-Sacro Cuor, dis-sena morna l-Furjana fil-festa ta' San Publiju. Marċ lejliet il-festa. Mill-kummenti li saru nafu li ġejna milquha tajjeb mill-Furjaniżi. Anke fil-Gwardamanġa, il-marċ li jsir lejliet il-festa tal-Madonna ta' Fatima ikun brijjuz u l-folla mal-banda ma taqta' qatt tul il-marċ.

Din is-sena f'San Ġużepp se ndoqqu tliet darbiet, (dettalji dwar il-programm jidhru fil-paġni tan-nofs ta' dan l-Annwal). Tajjeb li tkunu tafu li s-servizz tas-Sibt ser isir bejn l-Għaqda tagħha u l-inkarigat mill-baned



**Mro. C. Zammit**

fil-festa ta' l-Imsida. Fil-programm strumentali u korali se jieħu sehem il-kor tax-xebbiet tal-knisja Parrokkjali ta' l-Imsida mmexxi minn Mro. C. Zammit. Il-marċ ta' nhar il-festa filgħodu ser jindaqq mill-banda tagħna fuq stedina tal-kumitat tal-festa tan-naħa ta' barra. Is-servizzi kollha jkunu taħt id-direzzjoni tas-surmast ta' l-Għaqda, Mro. Pawlu Schembri.



**L-Allievi li ħarġu jdoqqu dis-sena ma' l-Assistent Surmast, R. Cremona.**

Fl-okkażjoni tal-festa se joħorġu tliet allievi ġodda (ara r-ritratt) G. Farrugia u R. Azzopardi — klarinetti, B. Bezzina — kurunetta.

**IL-PANNU ĠDID TAL-BILJARD**

Ftit jiem biss wara li ġie mibdul il-pannu, waħda mit-tlett lampi ta' l-eletriku li hemm fuq il-biljard sparat u l-fdalijiet tal-ħġieġ ħarqu parti mill-pannu.

F'arbural li sar inġabret is-somma kollha meħtieġa biex reġa ġie mibdul b'ieħor ġdid. Il-Kumitat jirringrazzja lill-membri kolla li kkontribwew, lis-Sur A. Portelli li xtara l-pannu maħruq u fuq kollox lis-Sur Victor Sghando għall-inizjattiva li ha, inkariga ruħu mill-arbural u ġabar is-somma meħtieġa fi ftit jiem biss.


Sindy
Pedigree

# TAGHRIF DWAR L-IMSIDA

**minn C. Casha**

## IL-KNISJA PARROKKJALI

L-IMSIDA kienet tagħmel parti mill-parroċċa ta' Birkirkara. Ir-raħal tagħna b'daħla tal-baħar dejjem tidjieq u għoljiet żgħar fuq kull naħa bl-għelieqi, ma kienux jghixu fiħ nies ħlief ftit sajjieda u raħħala u oħrajn li kienu jiġu villeġġatura. Il-knisja tal-Kunċizzjoni jew "il-knisja ż-żgħira" kif nafuha aħna kienet biżżejjed biex taqdi lil dawn il-ftit abitanti. Bil-mogħod bdiet tikber il-popolazzjoni. Fl-1835 inħasset il-ħtieġa li ssir Viċi-Parrokkjali. Ma kienx qabel għaddew 22 sena oħra li l-knisja tal-Kunċizzjoni saret Parrokkjali bit-data storika tat-2 ta' Marzu. Il-popolazzjoni kienet issa żdiet mhux ħażin, tant li darbtejn ġiet imkabbra strutturalment il-knisja. Xorta waħda baqgħet mhux biżżejjed għall-abitanti li komplew jiżdiedu. Allura nħasset il-ħtieġa li tinbena knisja ġdida u akbar.

Ġie mwaqqaf kumitat biex jieħu ħsieb il-bini ta' knisja ġdida. L-Isqof Scicluna indaħal personalment biex imexxi dan il-kumitat. Huwa ta' l-ewwel donazzjoni għall-fond li nfetaħ, li kienet somma sabieħa ta' £250, iżda kien jinħtieġ somma wisq akbar biex jintlaħaq il-għan. Sadattant, il-famus perit Indri Grima minn Ħal-Luqa ġie mqabbad biex jagħmel il-pjanti ta' dan it-tempju.



**Il-Knisja Parrokkjali b'kampnar wieħed.**




**Il-Knisja b'żewġ kampnari iżda differenti.**

Fit-22 ta' Diċembru, 1883, Dun Salv Caruana, il-kappillan ta' l-Imsida, li kien ukoll membru ta' dal-kumitat xtara mingħand is-Sur Emmerson 1,330 qasba kwadra art għas-somma ta' £8,000, bl-iskop li fuq din l-art tinbena l-knisja l-ġdida. Storici Maltin jgħidu li din is-somma tħallset minn but il-Venerabbli Ignazju Falzon għan-nom ta' ħuħ, Mons. Franġisk Falzon.

Din il-biċċa art jew għalqa li kienu jsibuha "Tal-Ġulġlien" kienet max-xatt tad-daħla tal-baħar. Fuq in-naħa tal-lemin kien diġa hemm xi bini u allura kienet donnha veru xi biċċa art merfugħa mis-sema biex fuqha tinbeda l-knisja ta' l-Imsida.

Il-Hadd, 4 t'April, 1886 hija data storika oħra għall-Misidjani għaliex tqegħdet l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida. Saret festa kbira u mill-4.30 ta' wara nofs in-nħar, in-nies tal-Parroċċa ħargu bi ħġarhom jilqgħu lill-Eċċ Tiegħu Fra Ant. Maria Buhagiar, Kappuċċin, Isqof ta' Ruspa u Amministratur Ġenerali ta' Malta, li mexxa purċissjoni mill-knisja Parrokkjali l-qadima għall-post fejn kienet ser tinbena l-ġdida fejn saret iċ-ċerimonja tat-tqegħid ta' l-ewwel ġebla. Il-banda nazzjonali King's Own (dak iż-żmien Prince of Wales) akkumpanjat il-purċissjoni. Fil-festi li saru wara ċ-ċerimonja, id-dawra fejn kienet ippjantata l-knisja u l-bini eżistenti ta' madwara ġew illuminati bi fjakkoli.

Il-knisja damet 4 snin biex tinbena. Tlestiet fis-sena 1890. Il-ġebla li nbiet biha kienet

# MALGOTEX

- IXTRI L-AQWA KWALITA TA' SUF BL-IŻJED PREZZIJIET MODERATI
- AGĦŻEL MINN VARJETAJIET KBAR U KULURI MILL-ISBAĦ
- TIFFRANKA L-FLUS ŻGUR U, FUQ KOLLOX TOĦROĠ SODISFATT
- SUF GĦAN-'KNITTING' BL-IDEJN
- SUF GĦAN-KNITTING MACHINE

*Ħanut:*
**MALGOTEX**
**WOOLSHOP**
177, TRIQ L-FRAN
IL-BELT.
Tel: 21915.

*Ufficju u Store:*
**MALGOTEX**
**"LIDNEY"**
CAROB STREET,
MSIDA.
Tel: 513810.

LANAS® Stop

THE JOLLY PORKIE

## Jolly Bacon and By-Products Limited

Borg Cold Stores Buildings
Abattoir Square
Marsa, Malta

Telephone: 623691/4
Telegrams: Valhmor Malta
Telex: Valmor MW355

***Producers of:***

COOKED HAM
BACON
SAUSAGES

***Packers of:***

'JOLLY' & 'TENDERFROST'
BEEF BURGERS

**Tel: 623691**

# TAGHRIF DWAR L-IMSIDA



Il-Knisja kompluta bil-baħar quddiema.

ġiet maqtugħa minn barriera fl-Imġarr, Malta. Barra minn ħaddiema tas-sengħa li ġew imqabda, għadd kbir ta' Misidjani għamluha ta' voluntieri u fil-ħin liberu tagħhom kienu jmorru jgħinu lil dawn il-ħaddiema. Fatt kurjuż huwa dwar wieħed miż-żewġ kampnari. Il-kampnar tal-lemin kellu jerġa' jinħatt minħabba żball fil-formazzjoni tiegħu. Kien reġa' nbena wara ftit taż-żmien. Għalkemm qatt ma ġie kkonfermat iżda hawn minn issostni li kellu jiġi konsultat perit Taljan waqt ix-xogħol tal-bini mill-ġdid tiegħu. Il-fontispizju kien inbena wara. Fit-22 t'April, 1892, l-Isqof Pietru Pace ikkonsagra l-knisja solennement.

Il-forma tal-knisja hija ta' salib latin. It-tul mill-kor sal-kursija huwa ta' 50 metru b'wisa ta' 9 metri, waqt li minn kappellun għall-ieħor hemm 37 metru. Hemm żewġ sagristiji waħda fuq kull naħa li għandhom, bibien għall-kor u l-kappelluni. Fuq il-ġnub tal-kursija hemm in-navi li fis-saqaf tagħhom hemm il-kupletti.

Il-faċċata tal-knisja hija faxxinanti. Zuntier imtarraġ u spazjuż li jgħaxxaq. Il-parti tisfel ġiet imżejna b'kollonnar doriku u l-bieb prinċipali jispikka b'pediment b'kolonnar korintju. Il-parti ta' fuq tal-faċċata wkoll magħmula b'kolonnar doriku fil-ġnub u fin-nofs jinbidel l-istil u jsir konrintju. L-istess jista' jingħad għall-kolonnar taż-żewġ kampnari. Il-knisja hija kompluta b'koppja kbira li ma jonqosha xejn fl-istil tagħha li wkoll huwa doriku bil-lanterna fuq nett tispikka.

L-arloġġ tal-lemin huwa finta waqt li ta' fuq ix-xellug kien inxtara mill-Katidral ta' l-Imdina li huwa xogħol ta' Ġan Anton Tanti, magħruf bħala s-"sakranobis". Dan ġie rranġat minn Mikelanġ Sapiano.

Il-knisja Parrokkjali ta' l-Imsida kienet ġiet iddedikata lill-Patrijarka San Ġużepp. L-inkwadru tat-Titular sar mill-pittur M. Cartigione, fis-sena tal-ftuħ uffiċjali tal-knisja, iġifieri fl-1890 u sewa £50. Fl-istess sena, il-pittur Ġużeppi Cali pitter l-inkwadri tal-Madonna tal-Karmnu u tar-Rużarju. Il-kwadri ta' Sant Anna, San Pawl, Sant Antnin u l-Kurċifiss ġew impittra minn Lazzru Pisani fl-istess sena wkoll. Cartigione pitter ukoll l-indwadru ta' Santa Teresa.

Imbagħad is-saqaf. L-apside huwa xogħol il-pittur Anton Inglott, "Il-mewt ta' San Ġużepp". Huwa miet wara li spiċċa dan ix-xogħol. Postu ħadu l-magħruf pittur Cremona li sebbaħ is-soqfa kollha tal-knisja bl-id artistika tiegħu. Dan kollu sar ma għadd ta' skultura fis-soqfa kollha tal-knisja u induratura. Jonqos biss il-koppla li ilna xi snin li bdiet issir. Hafna mill-iskultura saret mill-Misidjan Salv Azzopardi.



Il-Knisja preżenti.




Il-Ħanut il-ġdid għal kull xorta ta' dolċerija, pasti, kejkijiet, qassatelli, eċċ., u assortiment kbir ta' ħelu, ġelati u granita, pastizzi u pizza, għand:

**DOLĊERIJA TIVOLI**
**TRIQ MANWEL MAGRI, ĦAMRUN.**
(Faċċata tal-Knisja tal-Kunċizzjoni, Ħamrun)

**Jiġu aċċettati ordnijiet għal-**
**Tiġijiet, Magħmudijiet,**
**Parties, eċċ., eċċ.,**
**Tel: 22333.**

**CARMELO ATTARD**

*Storijiet:*
**"Carini Stores" Carini Street,**
**St. Venera.**

*Showrooms:*
**"Santerno Rooms" — Pieta.**
**Tel: 40202.**

SETTIJIET
TAL-BANJU
CERAMICA
SIMCA

MADUM
TAL-ĦAJT
CERAMICA
SANTERNO

Assortiment
kbir ta' kuluri
u disinji



# TAGĦRIF DWAR L-IMSIDA



L-Istatwa ta' San Ġużepp miżmuma bl-akbar għożża mill-Misidjani.

L-istatwa titulari ta' San Ġużepp inħadmet f'Leċċe l-Italja fis-sena 1892 waqt li l-bradella tlestiet ftit tas-snin ilu, xogħol l-iskultur Tonna tar-Rabat. Hemm wisq aktar xi tgħid iżda nispiċċa bl-altar maġġur. Għad-disinn ġie nkarigat ukoll il-Pittur Envin Cremona li pprova jqabblu mal-kanċell tal-presbiterju li kien sar fl-1952. B'disinn mill-aktar modern, Cremona għamel użu mill-ilwien ta' ħafna irħamijiet tant li ġew ordnati minn ħafna pajjiżi fid-dinja fosthom Franza, l-Italja, il-Belgju, l-Pakistan u l-Messiku. Jispikkaw fl-artal hemm skultura ta' l-erbgħa evanġelisti, tnejn fuq kull naħa tiegħu.

Minn qara dawn il-ftit versi li ktibt dwar il-knisja majestuża ta' l-Imsida naf li japprezza li ma kienx possibbli għaliha li nidħol f'dettalji fil-fond fl-ispazju limitat li gie pprovdut lili.


**FALZON'S**

**PHOTO STUDIO**
**88, Mannarino Road,**
**BIRKIRKARA**

**PHONES: Studio 40047.**
**Res. 36074.**

Wedding groups, Parties, Passports, Copying, Colouring and Mountings are accepted.

Cameras, Films and Photo Goods Dealer, Amateur films are developed, printed and enlarged.

CINE AND FLASHLIGHT
WORKS BY APPOINTMENT

With every set of flashlight you will get a free colour enlargement.

**(No connection with any other firm)**

**FREE FILM SERVICE.**



# PANTA LESCO LIMITED

*Electrical & Mechanical*
*Engineers & Contractors.*

AGENTS FOR:-

## HAWKER SIDDELEY ELECTRIC EXPORT LIMITED.

(ALL ELECTRICAL EQUIPMENT)

## HOUSEMAN HEGRO

(WATER TREATMENT PLANT & EQUIPMENT)

## SIMPLEX-BICC WIRING SYSTEM LIMITED.

## AVERY EXPORT LIMITED.

(WEIGHING MACHINES)

## FEDERAL ELECTRIC LIMITED

(M.C.B. BOARDS AND EQUIPMENT)

## ALLEN YGNIS BOILERS LIMITED

### SPIRAX SARCO LIMITED

(STEAM, COMPRESSED AIR & HOT WATER CONTROL EQUIPMENT)

## PANTA HOUSE
## VALLEY ROAD MSIDA.
## TEL: 41361




**SEE THE NEW DATSUN CHERRY - COUPE, 4 DOOR HATCHBACK & 4 DOOR VAN.**

**1981 SAFARI RALLY**

THE RALLY MASTER DATSUN
NISSAN MOTOR CO., LTD.

DATSUN MOTORS LTD
Antonio Bosio Street, Msida. Tel: 34196

GOZO DEALER
SALVU BAJADA Victoria Tel: 556520

WITH THE TRADE FAIR COMING UP
OUR PRICES HAVE GONE DOWN ...
SPECIAL TRADE FAIR DISCOUNT
*Siemens Refrigerators and Freezers*

MADE IN WEST GERMANY







**APLAN LIMITED**

*Offices* First Floor, 33, Msida Seafront, Msida
Tel 38434/36556

*THIS OFFER IS VALID UP TO JULY 31, 1981*

*Showrooms*: 34, Msida Seafront, Msida Tel 38434
Testaferrata Street, Msida Tel 36556
73, St. Paul Street, Cospicua Tel 824535
*and* Dealers throughout Malta and Gozo

*TRADE FAIR STANDS E41 and E 29*